# Is-Sitt Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Id-don tal-Ispirtu s-Santu ssawwab fuq il-pagani wkoll.*

Atti 10, 25-26.34-35.44-48

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

25 Xħin daħal Pietru fid-dar ta' Kornelju, dan mar jilqgħu u ntefa'
f'riġlejh jagħtih qima. 26 Imma Pietru qajmu u qallu: «Qum. Jien
bniedem ukoll.»

34 Pietru qabad jitkellem u qal: «Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma
jħares lejn wiċċ ħadd, 35 imma jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu
u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun.»

44 Meta Pietru kien għadu qiegħed jgħid dan, l-Ispirtu s-Santu niżel
fuq dawk kollha li kienu jisimgħuh. 45 Dawk li kienu marru ma'
Pietru, Lhud li kienu emmnu, stagħġbu kif Alla sawwab id-don
tal-Ispirtu s-Santu fuq il-pagani wkoll. 46 Għax semgħuhom jitkellmu
bl-ilsna u jfaħħru l-kobor ta' Alla.

Imbagħad Pietru qal: 47 «Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma tal-magħmudija lil
dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna wkoll?»
48 U ordna li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu. Imbagħad huma talbuh
jibqa' għal ftit jiem magħhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4

R/. (ara 2b): Il-Mulej wera l-ġustizzja tiegħu lill-ġnus

*jew*

R/. Hallelujah, Hallelujah, Hallelujah

1 Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ tal-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu. R/.

2 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
3 Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Iżrael. R/.

L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
4 Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu! R/.

# Qari II

*Alla hu mħabba.*

1 Ġw 4, 7-10

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu**

7Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u
kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. 8Dak li ma
jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba.

9B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu
l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih.

10U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla,
imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal
dnubietna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 14, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, jgħid il-Mulej;
u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.***

Ġw 15, 9-17

## Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: 9«Kif ħabbni Missieri,
hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. 10Jekk tħarsu
l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist
il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. 11Għedtilkom dan
biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.

12Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom
jien. 13Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed
jagħti ħajtu għal ħbiebu. 14Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena
nikkmandakom. 15Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej
ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt
mingħand Missieri jiena għarrafthulkom.

16Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom
biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kulma
titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. 17Dan hu li qiegħed
nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu